

Brussell, 13 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15081/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0265 (COD)

ECOFIN 1147
STATIS 102
CODEC 1784
IA 122

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020 (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea¹ jistipula li l-Programm Statistiku Ewropew huwa stabbilit għall-perijodu li jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Dan il-qafas jistabbilixxi l-prijoritajiet u baġit għall-perijodu li jkopri. Il-Programm Statistiku Ewropew attwali, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u li jkopri l-perijodu mill-2013 sal-2017², huwa t-tmien programm tax-xorta tiegħu.

Fis-7 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta³ maħsuba biex testendi l-programm bil-ħsieb li jkun jaqbel mat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali (QFP 2013-2020). Għandhom jiġu adottati inizjattivi konkreti skont il-Proċedura Leġislattiva Ordinaria.

¹ L87, 31.3.2009, p. 164, kif emendat bir-Regolament 2015/759 (L 123, 19.5.2015, p. 90.

² Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew 2013-2017 (L39, 9.2.2013, p. 12)

³ 12056/16 + ADD 1

Il-proposta tiffaċilita l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea skont Programm Statistiku Ewropew estiż għall-perjodu 2018-2020, fost l-oħrajn, indikaturi soċjali fil-ħin, konsum dettaljat tal-enerġija u stimi bikrija tal-bilanċi tal-enerġija u estensjoni tal-istatistika armonizzata tal-prezzijiet tad-djar.

Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika, l-aktar reċentament fis-6 ta' Diċembru 2016, fejn id-delegazzjonijiet qablu dwar test li għandu jiġi adottat mill-Kunsill bħala "Approċċ Ġenerali"⁴, sakemm tasal l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁵.

Fid-19 ta' Ottubru 2016, il-Valutazzjoni tal-Impatt ta' akkumpanjament tal-Kummissjoni ġiet analizzata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet ikkunsidraw li l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ma kellhiex omissjonijiet jew żbalji fattwali kbar⁶.

It-test ta' kompromess tal-Presidenza, appoġġat mid-delegazzjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika fis-6 ta' Diċembru 2016, jipprevedi b'mod partikolari:

- L-objettiv 2.2.1 dwar kontijiet ambjentali u statistika relatata mat-tibdil fil-klima, huwa implimentat permezz ta' azzjonijiet, bħall-iżvilupp ta' kontijiet sperimentali tal-ekosistemi jew indikaturi li jkejlu marki ambjentali, li għandhom jiġu bbażati fuq progress li diġà nkiseb u billi tintuża data eżistenti.
- L-objettiv 3.2.1 li jistipula li fl-istatistika dwar oqsma ewlenin tal-politika soċjali, tiġi żviluppata metodoloġija għal sħarriġ volontarju bbażat fuq is-sessi f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej li jaġixxu f'dan il-qasam.
- L-objettiv 3.3.4 li jikkonċerna l-istatistika dwar l-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija, huwa kkumplementat mir-referenza għal bażi legali komuni għall-istatistika relatata mal-agrikoltura.

Abbażi ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill biex:

- Jadotta l-"approċċ ġenerali" f'15080/16 ECOFIN 1146 STATIS 101 CODEC 1783 IA 121.
- Jerġa' lura għall-fajl ladarba l-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu.

⁴ Id-delegazzjoni DK daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari. Id-delegazzjoni UK daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari dwar l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta.

⁵ Il-pożizzjoni tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) hija mistennija f'Marzu 2017.

⁶ 13281/16